DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/83

tas-16 ta' Jannar 2017

li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 23(2) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Lulju 2010 l-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/413/PESK.

(2) F'konformità mal-Artikolu 26(3) tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK, il-Kunsill irreveda l-lista ta' persuni u entitajiet iddeżinjati li tinsab fl-Anness II għal dik id-Deċiżjoni.

(3) Jenħtieġ li diversi entitajiet jitneħħew mil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK.

(4) B'segwitu għas-sentenzi tal-Qorti Ġenerali fil-Kawżi T-182/13 ([2]), T-433/13 ([3]), T-158/13 ([4]), T-5/13 ([5]), T-45/14 ([6]) u T-539/14 ([7]) u fil-Kawżi Magħquda T-423/13 u T-64/14 ([8]), Moallem Insurance Company, Petropars Operation & Management Company, Petropars Resources Engineering Ltd, Iran Aluminium Company, Iran Liquefied Natural Gas Co., Hanseatic Trade Trust & Shipping (HTTS) GmbH, Naser Bateni, North Drilling Company u Good Luck Shipping Company LLC mhumiex inklużi fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK.

(5) B'segwitu għas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi C-176/13 ([9]) u C-200/13 P ([10]), Bank Mellat u Bank Saderat Iran mhumiex inklużi fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK. Konsegwentement, u għaċ-ċertezza legali, jenħtieġ li l-entrata li tikkonċerna Bank Saderat PLC (London) f'dak l-Anness titħassar.

(6) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2010/413/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK huwa emendat kif indikat fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 195, 27.7.2010, p. 39.
([2]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Lulju 2014, *Moallem Insurance Co. vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, T-182/13, ECLI:EU:T:2014:624.
([3]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Mejju 2015, *Petropars Iran Co. et vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, T-433/13, ECLI:EU:T:2015:255.
([4]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Settembru 2015, *Iranian Aluminium Co. (Iralco) vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, T-158/13, ECLI:EU:T:2015:634.
([5]) Is-sentenza tat-18 ta' Settembru 2015, *Iran Liquefied Natural Gas Co. vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, T-5/13, ECLI:EU:T:2015:644.
([6]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Settembru 2015, *HTTS Hanseatic Trade Trust & Shipping GmbH u Naser Bateni vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, T-45/14, ECLI:EU:T:2015:650.
([7]) Is-sentenza tad-19 ta' Novembru 2015, *North Drilling Co. vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, T-539/14, ECLI:EU:T:2015:871.
([8]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Mejju 2016, *Good Luck Shipping LLC vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, T-423/13 u T-64/14, ECLI:EU:T:2016:308.
([9]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Frar 2016, *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea vs Bank Mellat*, C-176/13 P, ECLI:EU:C:2016:96.
([10]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' April 2016, *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea vs Bank Saderat Iran*, C-200/13 P, ECLI:EU:C:2016:284.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data wara dik tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Jannar 2017.

Għall-Kunsill
Il-President
F. MOGHERINI

ANNESS

L-entrati li jirrigwardaw l-entitajiet elenkati hawn taħt jitħassru mil-lista li tinsab fil-parti I.B tal-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK:

I. **Persuni u entitajiet involuti f'attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.**

B. **Entitajiet**

"7. (a) Bank Saderat PLC (London)

48. Neka Novin (magħruf ukoll bħala Niksa Nirou)

65. West Sun Trade GMBH

159. Oil Industry Pension Fund Investment Company (OPIC)".